f’dawk kollha li jgħixu “skond l-Ispirtu u mhux skond il-ġisem” (Rum 8,4).

Mela t-taqbida qiegħda hemm, imma magħha hemm ukoll il-garanzija li min jgħix skond l-Ispirtu jista’ u għandu jirbaħ dan il-konflitt.

**Ħajja nisranija dinamika**

Dan ifisser li jekk irridu ngħaddu ħajja tabilħaqq nisranija hemm bżonn li din tkun waħda dinamika. In-nisrani hu l-bniedem li, veru, għandu mumenti fejn irid jgħid ’le’, imma hu wkoll il-bniedem fejn irid jgħid ħafna ‘iva’ f’ħajtu. Ma jridx ikun biss negattiv imma wkoll pożittiv, u pożittiv ħafna. Dawn huma l-frott ta’ l-Ispirtu! Dan hu s-sabih tal-ħajja nisranija vera. Li hi dinamika!

Il-frott ta’ l-Ispirtu skond San Pawl huma karatteristiċi importanti tal-karattru nisrani. Huma l-fattizzi tal-karta ta’ l-identità tan-nisrani. Il-ħajja nisranija hi ħajja dinamika, qawwija, soda, dejjem miexja ’l quddiem. Min jaħseb li l-ħajja nisranija hija waħda ta’ telqa, ma jkun fehem xejn minn dak li Alla jrid minnu. Dan il-frott ta’ l-Ispirtu – infakkruhom: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan – jitolbu minna proprju dan: li nkunu sodi fil-fehma ta’ ħajja qaddisa u fuq tagħna fejn tidħol il-ħajja fl-Ispirtu. Il-ħajja qaddisa u l-ġenna m’humiex għall-għażżenin!

L-Ispirtu ma jissuġġerix li nkunu kajmani u li noqogħdu f’rokna nistennew il-bajtra taqa’ f’ħalqna. Biex tkun tippossiedi l-imħabba, il-ferħ, il-paċi, il-paċenzja, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ġentilezza u l-kontroll fuqek innifsek, teħtieġ qawwa kbira u għajnuna sopranaturali. Għalhekk il-ħtieġa tad-don tal-grazzja. Proprju għalhekk jissejħu “l-frott ta’ l-Ispirtu.”

Min ma jipprattikax dan il-frott qaddis, dawn il-virtujiet, joħloq fih vojt perikoluż. Dan il-vojt ikun spazju ideali biex jidħol fih u jokkupah ix-xitan bil-ħażen tiegħu. Il-bniedem li ma jippruvax jipprattika l-virtù jibda jċedi għall-ħażen u l-fehma tiegħu ma tibqax tfittex is-sewwa. Ġeremija jgħidilna: “Isma’ art! Arani, se nġib fuq dan il-poplu ħsara, frott ta’ fehmiethom, għax ma tawx widen għal kliemi u l-liġi tiegħi ċaħduha” (Ġer 6:19).

Jalla nfittxu li nkunu nies ta’ mħabba, hena, sliem, sabar, ħniena, tjieba, fidi, ħlewwa, u rażan għax b’hekk biss jirnexxilna negħlbu l-passjonijiet u l-ħażen li jqanqal fina u madwarna l-ikbar għadu tagħna li hu x-xitan. Nemmnu bil-qawwa kollha li l-grazzja ta’ Alla tiflaħ ixxejjen il-qawwiet tal-ħażen.

Societas Doctrinæ Christianæ — M.U.S.E.U.M.
Kummissjoni Appostolat għall-Adulti

Website: www.sdcmuseum.org
Email: kummissjoni.adulti@sdcmuseum.org

✝ Verbum Dei caro factum est
Ġimgħa ta’ Tagħlim

# IL-FROTT TA’ L-ISPIRTU



Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270

# "Ngħidilkom, imxu ma' l-Ispirtu" (Gal 5:16)

"Ngħidilkom, imxu ma' l-Ispirtu." Hekk jikteb San Pawl fl-Ittra lill-Galatin Kap 5, vers 16. Hawn San Pawl qed iħajjar lin-nisrani jgħix il-ħajja tal-*pneuma*, jiġifieri ta' l-Ispirtu. Bil-kelma 'spirtu' l-Appostlu hawn u fi bnadi oħra tal-kitbiet tiegħu, qed jifhem il-ġabra kollha tad-doni sopranaturali li l-bniedem jirċievi bħala wirt nisrani fil-Magħmudija, jiġifieri dik il-ġabra ta' barkiet li tħaddan fiha l-grazzja santifikanti, il-grazzja attwali, il-virtujiet teologali, il-virtujiet kardinali, il-grazzja abitwali, il-frott ta' l-ispirtu, u ħwejjeġ simili meħtieġa għall-ħajja nisranija.

**Konflitt**

Mela San Pawl iħeġġeġ lin-nisrani biex iħalli lilu nnifsu jitmexxa mill-Ispirtu bla ma jippermetti li jaqa' għall-ġibdiet tad-dnub. Min tabilħaqq iħalli lill-Ispirtu jmexxih, mhux faċli jaqa' fil-ħażen tad-dnub għax il-qawwa ta' l-Ispirtu hi hekk qawwija li ma jħallix lilu nnifsu jitbiegħed minn Alla. Naturalment, il-konflitt bejn il-ġibdiet tal-ħażen u t-tqanqil għas-sewwa hu dejjem preżenti fil-bniedem. Imma min jippermetti lilu nnifsu jitmexxa mill-Ispirtu ma jħallix l-egoiżmu jiddominah għax ikun qed jgħix ħajja għanja fil-fidi u fl-imħabba. Il-bniedem jagħżel il-ħażen għax iħobb lilu nnifsu aktar milli lil Alla. Hekku l-egoiżmu!

Nafu li l-egoiżmu joħodha kontra l-Ispirtu. L-egoiżmu jeqred is-sbuħija u l-armonija fil-personalità kollha. Id-dnubiet li Pawlu jsemmi ftit qabel il-frott ta' l-Ispirtu, juru li meta l-bniedem jintelaq għall-ġibdiet tal-passjonijiet tiegħu (konkupixxenza), jeqred ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, mal-proxxmu u miegħu nnifsu.

F'din l-ittra lill-Galatin, mela, Pawlu jsemmi l-ewwel il-passjonijiet tal-ġisem imbagħad il-frott ta' l-Ispirtu, waqt li jgħid ċar u tond li "Dawn it-tnejn huma kontra xulxin" (Gal 5:17). Il-lista tad-dnubiet li jsemmi Pawlu hi din: "żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrid, u ħwejjeġ bħal dawn" (Gal 5:19-21). U jgħid li dawn ma jwasslux għas-salvazzjoni. Imbagħad jgħaddi għall-frott ta' l-Ispirtu li huma: "l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan" (Gal 5:22-23). U jgħid minnufih li "Kontra dawn m'hemmx liġi," jiġifieri huma skond ir-rieda ta' Alla.

Dan li qal San Pawl ifissser li bejn dawn iż-żewġ blokki ta' ħażen u ta' tjieba, bejn il-vizzju u l-virtù, bejn id-dlam u d-dawl, bejn id-dinja (tal-ħażen) u l-ispirtu, hemm dejjem għaddej konflitt u konfront. Dan ifisser li biex tgħix tajjeb kif irid Alla, mhux biżżejjed li ma tgħixx skond il-ġisem (f'sens ħażin) imma hemm bżonn li tipprattika l-frott ta' l-Ispirtu. Mhux biżżejjed li tgħid 'le' lill-ħażen imma trid tgħid 'iva' lit-tajjeb.

**Il-ħażen u t-tajjeb flimkien**

It-taqbida fina bejn it-tajjeb u l-ħażin, il-qamħ u s-sikrana, hi waħda eterna, ma tieqaf qatt. Aħna għandna nfittxu li ngħixu dejjem il-frott ta' l-Ispirtu, imma dan ma jwaqqafx lix-xitan milli jittenta jidħol fina u jieħu post Alla.

Kultant niskantaw bina nfusna kif, minkejja l-proponimenti biex ngħixu tajjeb u naħarbu l-ħażen u minkejja l-prattika tal-virtù, id-dnub jagħmel tiegħu u jsib minn fejn jidħol fil-ħajja tagħna. Dak li San Pawl jikteb lir-Rumani jiswa għalina wkoll: "Id-dnub ħa l-okkażjoni mill-kmandament u qajjem kull xorta ta' passjoni fija...Id-dnub ħa okkażjoni mill-kmandament biex qarraq bija u qatilni...Nafu li l-Liġi hi spiritwali, imma jien tad-demm u l-laħam mibjugħ lid-dnub. Ma nafx x'jien nagħmel; naf li mhux dak li rrid nagħmel iżda dak li ma rridx. Jekk nagħmel dak li ma rridx, naqbel mal-Liġi li hi tajba" (Rum 7: 8-16).

San Pawl ħass il-piż tremend tal-pressjoni li jagħmel fuqu l-ħażen fih u madwaru u ma joqgħodx jomgħodha. Fl-aħħar tal-kapitlu 7 ta' l-Ittra tiegħu lir-Rumani bħal joħroġ bi tnehida u jistaqsi b'mod inkwetanti: "Msejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?" (Rum 7:24). Hawn Pawlu jiftakar li f'idejh għandu t-tweġiba pronta għal din il-mistoqsija diffiċli u sfidanti. Fil-fatt ikompli jikteb: "Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna" (Rum 7:25). U immedjatament wara joħroġ b'espressjoni ta' faraġ, għalina bħala nies li hu possibbli li negħlbu l-ħażen: "Ma hemm ebda kundanna għal dawk li jgħixu fl-għaqda ma' Kristu Ġesù. Għax il-liġi ta' l-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u tal-mewt" (Rum 8,2-3) u dan iseħħ

# IL-FROTT TA' L-ISPIRTU